**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A39-10

21 ta' Jannar 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/39**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 28 ta' Jannar 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' risposta tal-*Management Letter*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*Trial Balances u l-Financial Statements*
8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*
9. Diskussjoni Dwar it-*Tender* ta' l-Iskart u l-*Contract Management*
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

25 ta' Frar 2010

Ref Nru.Klg5/039

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/39 li saret il-Ħamis 28 ta' Jannar 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Qabel ma bdiet il-laqgħa, s-Sur Anthony Grech li ġie elett permezz ta' l-elezzjonijiet każwali fl-14 ta' Jannar 2010 wara r-riżenja tas-Sur Dunstan Attard, ha l-ġurament tal-kariga ta' Kunsillier.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Anthony Grech, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-21 ta' Jannar 2010.

Il-Kunsillier Joe Camilleri ha l-ġurament tal-kariga ta' Viċi-Sindku għal din il-lokalita'.

Iċ-*Chairman* ressaq vot ta' ringrazzjament għax-xogħol li wettaq s-Sur Dunstan Attard matul il-kariga li kien jokkupa bħala Viċi-Sindku kif ukoll, il-Viċi-Sindku Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-istess għandu jsir għall-Auditur tal-Gvern, s-Sur Joe Scerri.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan il-vot li ġie ssekondat mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 28 ta' Jannar 2010, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Il-Viċi-Sindku ressaq emenda f'paġna Nru: 2 para 2.1. wara l-kelma pero' trid tiżdied din il-frażi ' l-fatt li dan huwa *part-time*, ma nistgħux nippretendu li dan ser jibqa' għal żmien twil u'.

Il-Kunsillier Anthony Abela ssekonda l-emenda hawn fuq mressqa.

Minħabba li ma kienx hemm aktar emendi, l-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 2 para 2.1. –** Iċ-*Chairman* informa li l-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2010, Mattia Felice kellu t-tieni *interview* fejn ngħatatlu l-informazzjoni meħtieġa u kien ser jibda x-xogħol fit-2 ta' Frar 2010.

**2.2. Paġna Nru: 3 para 2.7 – *Loading/unloading Bay* fi Triq il-Flotta**

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett sopraċitat, fejn fost affarijiet oħra, s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li b'risposta mill-Perit Lara Demicoli kienet infurmat li l-*A.D.T.* ma kelliex talba għall-*loading/unloading bay* il-Kunsill kien bagħat ittra reġistrata datata 8 ta' Jannar 2010, lil *Matthew's Confectionery*, sabiex fi żmien ħamest ijiem jgħaddi kopja tal-permess. F'dan il-perjodu wieġbet il-G.R.T.U. għan-nom tiegħu, fejn din il-*Union* infurmat, li l-estenzjoni kienet saret b'eżitu ta' talba tagħha lill-Perit Gordon Zammit fejn dan ta' l-aħħar ta' struzzjonijiet biex din titwal għal tnax –il metru skont l-approvazzjoni mogħtija mill-istess Awtorita' datata 13 ta' Settembru 2000. Din ir-risposta ntbagħtet għall-attenzjoni tal-Perit Lara Demicoli li sallum kienet għada ma wieġbitx. Intervjena d-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn talab lill-Kunsill biex iżommu aġġornat bl-iżviluppi dwar din il-materja.

Il-Viċi-Sindku ta' rendikont tal-proċess kollu li sar u qal, li f'dik il-parti tat-triq kien hemm *loading/unloading* bil-ħinijiet. Qal ukoll, li fl-aħħar laqgħa li saret ma' l-*A.D.T.*, il-Kunsill ingħata lista tal-*loading/unloading* fil-Gżira għalkemm fil-lokalita' hemm aktar minħabba l-fatt, li hemm min qed japplika direttament lill-A.D.T. u t-talba tagħhom qed tiġi milqugħa. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill għandu ittra li turi t-tabelli bil-ħin u l-metraġġ kif suppost.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li meta hu kien Sindku kien ippropona li ssir *loading/unloading* f'kull triq irrelevanti mill-ħwienet li jiftħu u jagħlqu u meta hu kien talab lista simili, ebda risposta qatt ma waslet minħabba l-fatt, li dak iż-żmien l-*T.C.B.* ma kelliex din id-*database*.

Intervjena ċ-*Chairman* fejn informa li apparti dan il-każ, hemm sitwazzjoni simili fir-rispett tal-*Bay View Hotel* fit-toroq Xatt u Ponsonby. L-istess proċedura ntużat b'eżitu ta' risposta negattiva li l-Kunsill irċieva mill-Perit Demicoli. Mandanakollu, dak in-nhar stess tal-laqgħa s-Sur Michael Stivala propjetarju ta' din ill-lukanda kien preżenta lill-Kunsill kopja tal-permess maħruġ mit-*Traffic Control Board* datata 26 ta' Diċembru 1995 għal dik tax-Xatt.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jiltaqa' l-ewwel mal-*G.R.T.U.* u wara ma' l-*A.D.T.* u fl-istess ħin, jinħarġu struzzjonijiet lill-Uffiċjal Awtorizzat biex jieħu l-passi neċessarji. Hu żied jgħid, li la l-Kunsill ma kienx ġie kkonsultat la rigward dik ta' *Matthew's Confectionery* u lanqas dik ta' Triq Ponsonby, l-Kunsill għandu jneħħi kollox.

Iċ-*Chairman* qal, li rigward il-*loading/unloading* ta' Triq Ponsonby Michael Stivala kien talbu aktar żmien għaliex kien kiteb lill-Pulizija sabiex jagħtuh kopja tal-permess għaliex qabel ma twaqqfet it-*T.C.B.* dawn kienu jinħarġu mill-Pulizija. Huwa kompla jgħid, li jekk il-Kunsill kien qed jaqbel li dawn jitneħħew, hu kien qed jitlob li jingħata ċans jitkellem mas-Sur Stivala sabiex jinfurmah bil-pożizzjoni ġdida tal-Kunsill u fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jiltaqa' kemm mal-*G.R.T.U.* kif ukoll, ma' l-*A.D.T.* sabiex jiġu diskussi l-*policies* ta' kif jiġu approvati l-*loading/unloading bays.*

## 2.3. Paġna Nru: 5 para 3.11. – *Bring In Sites* fi Triq Reggie Miller

Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, fejn fost affarijiet oħra ġie ssuġġerit mill-Kunsillier Anthony Abela, li dawn jerġgħu jiġu nstallati fil-post oriġinali tagħhom minbarra l-*bin* ta' fejn jiġi depożitat il-ħġieġ minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien irċieva diversi lmenti dwar l-istorbju anke minn residenti ta' Triq Antonio Sammut u għalhekk, fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill kellu jikkuntattja lid-ditta *Green MT* sabiex issib soluzzjoni għal dan l-ilment, l-Kunsillier Ian Micallef qal, li filwaqt li dawn kienu qed jintużaw aktar minn persuni mhux mill-lokalita' milli mir-residenti, ssuġġerixxa, li dawn jiġu spustjati fil-*carpark* ta' wara t-taraġ ta' l-Isptar Zammit Clapp u l-Viċi-Sindku qal, li jekk dawn jiġu nstallati fil-*carpark* hawn fuq imsemmija, tinħoloq problema mal-Kunsill Lokali ta' San Giljan u fl-opinjoni tiegħu, l-iżbal sar meta dawn tneħħew l-ewwel darba u kien qed jissuġġerixxi li f'dan l-istadju, jiġu eliminati kollha.

Iċ-*Chairman* qal, li jekk jerġgħu jiġu nstallati fejn kienu l-ewwel darba, ser jerġa' jkun hemm ilmenti mir-residenti ta' Triq Reggie Miller. Madanakollu, l-Kunsillier Anthony Abela qal, li bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent, kien qed jirrakkomanda li dawn imorru fil-post oriġinali tagħhom u jibqgħu hemm. Hu kompla jgħid, li b'risposta li l-Kunsill kien irċieva mill-*A.D.T.* kien qed jirrakkomanda li napplikaw għall-*loading/unloading bay* sabiex kull *traffic hazard* jiġi evitat. Għaldaqstant, abazi ta' din ir-rakkomandazzjoni, ġie deċiż b'mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Anthony Abela ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-*Bring In Sites* jerġgħu jiġu nstallati fil-post oriġinali tagħhom mingħajr il-*bin* ta' fejn jiġi depożitat il-ħġieġ kif ukoll, li ssir applikazzjoni ma' l-*A.D.T.* dwar *loading/unloading bay* f'din il-parti tat-triq.

**2.4.** Il-Kunsill qabel unanimament, li *item* Nru: 3 – Korrispondenza tiġi trattata għall-aħħar tall-laqgħa.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 1579 sa Nru: 1627 (Ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll, għall-approvazzjoni tal-Kunsill, dawn il-pagamenti:

| | |
|---|---|
| David Collict xogħol fuq il-*partition* u s-saqaf | €120.00 |
| Robert Xuereb xogħol fuq l-*aluminium* | €190.00 |
| *S. Rausi Trading Ltd* | €25.48 |
| Nathalie Camilleri – Jannar 2010 | €151.58 |

Rigward s-Sinjura Camilleri, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li nhar ta' Erbgħa, l-librerija pubblika tibda tiftaħ mit-8.00 a.m. sa 12.00 p.m. minħabba l-fatt, li matul iż-żmien ta' prova, din kienet suċċess u għalhekk, titħallas siegħa żejda.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont rigward l-ammont li kellu jitħallas lis-Sur Daniel Chircop – *Zoo Entertainment* għall-kiri ta' siġġijiet għall-attivita' li saret fil-31 t'Ottubru 2009. Hi kompliet tgħid, li għalkemm l-ordni kienet għal 200 siġġu, kienu ntbagħtu biss 100 siġġu avolja l-Kunsill kien bagħat il-korrispondenza kollha neċessarja.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li jitħallas l-ammont ta' €198.00 għal 100 siġġu.

Il-Kunsill qabel unanimament, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata, mill-Viċi-Sindku li minbarra l-ammont ta' €2,997.20 għal xogħol ta' dawl tal-Milied li sar mis-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris, jitħallas ukoll, l-ammont ta' €287.92 għal xi xogħol li sar fuq il-*main box* li hemm fix-Xatt sabiex seta' jinxtal id-dawl. Għall-mistoqsija taċ-*Chairman* jekk id-ditta J.F. Mallia Ltd kienitx infurmat jekk ix-xogħol li sar kienx ser ikun ta' benefiċċju għall-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet, li minkejja l-fatt, li sa dak inhar stess tal-laqgħa kien sar kuntatt mad-ditta hawn fuq imsemmija, din ma wieġbitx għalkemm infurmat, li s-Soċjeta' Filarmonika Stella Maris ma kienitx infurmathom meta kienu ser jiltaqgħu fuq il-post.

Il-Viċi-Sindku qal, li dan ma kienx minnu għax kien hu stess li għamel kuntatt ma' din id-ditta iżda din naqset li tinżel fuq il-post.

Rigward *Request Sheet* Nru: 1620 – *Sundew Enterprises Ltd* - €744.76 kont tad-dawl u l-ilma ta' l-Uffiċċju Amministrattiv għall-perjodu 01.05.09 sa 09.10.09, il-Viċi-Sindku kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jħallas biss terz ta' l-ammont kollu tal-kera minħabba l-fatt, li l-kont kien għaż-żewġ ħwienet u l-Kunsill u għalhekk il-kera għandha tinqasam bejn tlieta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Kunsill kien applika għall-*meter* separat u kien wasal ukoll, il-*compliance certificate.* Hi kompliet tgħid, li d-ditta J.F. Mallia Ltd, infurmat li skont is-Sur Albert Galdes dan kien ser joġġezzjona li l-Kunsill jieħu mit-*3 phase* tiegħu sakemm ma jagħmilx il-ħlasijiet neċessarji u dan minħabba l-fatt, li hu kien għadda pajpijiet diretti mis-*Sub Station*.

Il-Viċi-Sindku nforma li l-kumplament tal-bini li kien ser issir skola, kien inbiegħ lis-Sur Maurice Portelli u dan, sa minn meta inqalet il-kwestjoni dwar il-kontijiet kien favur li kull entita' jkollha *meter* apparti.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li skont il-kuntratt, is-sid għandu dritt iżomm lill-Kunsill milli jieħu mit-*3 phase* u l-Kunsill għandu jikkuntattja lil Maurice Portelli jekk dan kien għadu ma ffirmax il-kuntratt, sabiex il-kera tiġi diviża bejn tlieta u l-Kunsill dejjem seta' jħallas lill-*Enemalta on a/c*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li jekk iż-żewġ ħwienet ma jħallsux, l-*Enemalta* tista' taqta d-dawl.

Wara din id-diskussjoni, ġie deċiż li l-Kunsill iħallas l-ammont kollu tal-konsum u terz tal-kera tad-dawl u l-ilma lid-ditta *ARMS Ltd* u tintbagħat kopja ta' l-irċevuta lill-Kunsill.

**4.3.** Wara li saru anke xi kjarifiki dwar *request sheets* Nru: 1587 – 1599 – 1612 *WasteServ Malta Ltd*. r-*Request Sheets* minn Nru. 1579 sa Nru. 1627 u l-ħlasijiet msemmija f'para 4.2. ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' risposta tal-*Management Letter***

**5.1.** Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku r-risposta tal-*Management Letter* li kienet intbagħtet lil kull Kunsillier (ara *Appendix* Nru: 2).

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv**

**6.1.** Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku ir-Rapport Amministrattiv Annwali – April 2009 - Diċembru 2009 ( ara *Appendix* Nru: 3).

**7. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*Trial Balances* u l-*Financial Statements***

**7.1.** Iċ-*Chairman* qal, li kien ikkuntattjah l-*Accountant* Antoine Portelli fejn dan ta' l-aħħar xtaq li jkollu laqgħa mal-Kunsill minħabba l-fatt, li f'*Memo* 78/2009, s-sena finanzjarja tal-Kunsilli Lokali kienet ser tibda tkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru.

Għaldaqsant, is-sena finanzjarja kurrenti tal-Kunsilli Lokali ser tkun ta' disa' xhur jiġifieri minn April sa Diċembru 2009, u għalhekk, il-*Financial Statements*, approvati mill-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-Tlieta 9 ta' Frar 2010. Huwa kompla jgħid, li s-Sur Portelli kien qed jitlob li jiġi estiż iż-żmien għax kien ser jieħu xi ġranet *leave* mix-xogħol biex ikun jista' jindirizza din il-problema u għalhekk, ma jeskludix li fil-ġranet li ġejjin tissejjaħ laqgħa għall-approvazzjoni tal-*Financial Statements* biss.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill kien diġa' ġie penalizzat l-ammont ta' €290.23 li ġie mnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja minħabba Il-fatt, li l-Kunsill ma ppreżentax il-*Financial Statements* – 31 ta' Marzu 2009 fil-ħin stipulat mid-Dipartiment għall-Gvern Ċentrali. Hi qalet ukoll, li skont *Memo* 13/2010 l-Estimi Finanzjarji (*Budget*) u l-Pjan ta' Ħidma (*Business Plan*) għandhom jitħejjew u jiġu approvati mill-Kunsill sal-15 ta' Frar 2010, filwaqt li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir matul ix-xahar ta' Jannar 2010.

Il-Viċi-Sindku rrimarka, li filwaqt li hu minnu dak li qalet is-Segretarju Eżekuttiv madanakollu, dehru xi avviżi fil-ġurnali li xi Kunsilli kienu ser jagħmluha fil-bidu ta' Frar 2010.

Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalita' ssir fil-bidu ta' Frar 2010.

## 8. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*

**8.1.** Iċ-*Chairman* qal, li skont *Memo 86/2009*, peress li s-sena finanzjarja ser tibda tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, għal din is-sena biss, il-*Performance Bonus* għandu jiġi assenjat u deċiż matul Jannar 2010. Huwa kompla jgħid, li hu kien jaqbel li dan jingħata, pero' fl-opinjoni tiegħu hemm xi affarijiet li jridu jiġu ndirizzati.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li mill-punt ta' vista tiegħu, kull ma kellu bżonn, dejjem ngħatalu b'mod pożittiv pero' fl-opinjoni tiegħu jkun aħjar jekk tingħata l-informazzjoni dwar x'kienu l-affarijiet li jridu jiġu ndirizzati.

Iċ-*Chairman* qal, li minħabba l-fatt, li kienu ser jiġu mpjegati żewġ persuni oħra *part-time*, x-xogħol jista jsir b'aktar effiċjenza u jimxi b'ritmu aħjar.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill approva unanimament il-*Performance Bonus*, kemm tas-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll, tad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco u l-*Assistant Principle* Fabian Borg, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef.

## 9. Diskussjoni Dwar it-*Tender* ta' l-iskart u l-*Contract Management*

**9.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li minħabba l-fatt, li t-*tender* hawn fuq imsemmi kien skada, għandu jiġi ppubblikat ieħor ġdid li kien ġie preparat mill-Gvern Ċentrali biex ikun konformi mal-Kunsilli Lokali kollha.

Iċ-*Chairman* qal, li dan kien jinkludi anke l-kriterju ta' kif kien ser jintagħżel il-kuntrattur il-ġdid u ħaġa li ma kienx jaqbel magħha kienet, li l-għola kuntrattur iġib aktar marki.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li s-servizz irid ikun jirrifletti l-i*standard* iżda jekk il-prezz ikun għoli, l-Kunsill ma jistax iħallas iżjed mill-ammont allokat mill-Gvern Ċentrali u mill-esperjenza li għandu, ħadd mill-kuntratturi mhu armat daqstant biex jaqdi aktar min Kunsill wieħed.

Iċ-*Chairman* qal, li t-*tender* ser tkun għal erba' snin u hemm it-*three package* u s-*single package*.

Għalkemm it-*tender document* isemmi li jrid jiġi nkluż l-estimi tal-kuntratt, f'paġna Nru: 2 madanakollu, kemm il-Viċi-Sindku kif ukoll, il-Kunsillier Anthony Abela, ma jaqblux li din iċ-ċifra għandha tiġi nkluża għaliex din tagħti lok li zzid l-ispiża finanzjarja.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jagħżel is-*single package* iżda jridu jsiru xi kjarifiki mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Iċ-*Chairman* kien qed jissuġġerixxi li t-*tender* ma jinħariġx għalissa sabiex kull Kunsillier jkollu kopja tiegħu u wara jiġi diskuss sabiex jiġu ndirizzati xi kjarifiki.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li jkun aħjar jekk jiltaqgħu mas-Sur Michael Cohen, President ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, biex jitressqu xi kjarifiki minħabba l-fatt, li hu kien preżenti meta saru d-diskussjonijiet mal-Gvern Ċentrali.

Għalhekk, wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li t-Tlieta 2 ta' Frar 2010, fl-4.00 p.m. ssir laqgħa mas-Sur Michael Cohen flimkien maċ-*Chairman* u l-Kunsillier Ian Micallef.

Matul id-diskussjoni li saret dwar il-bdil tal-ħin għall-ġbir ta' l-iskart meta jibda jseħħ il-kuntratt il-ġdid, l-Kunsillier Anthony Abela ssuġġerixxa li l-ħin ikun bejn it-8.00 u l-11.00 ta' filgħodu iżda, t-toroq Xatt – D'Argens – Msida – *Upper St. Albert* – Emanuele Giordano – Reggie Miller – Sliema u Misraħ Turu Colombo jinġabru fl-aħħar biex ma tinħoloqx konġestjoni tat-traffiku waqt ir-*rush hour* u l-iskejjel. Dan kien japplika wkoll għall-ġbir ta' l-i*skips*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li fl-opinjoni tiegħu, xorta ser jibqa' l-iskart barra minħabba dawk in-nies li jaħdmu u ssuġġerixxa li jinġabar tard filgħaxija.

Iċ-*Chairman* qal, li dan is-suġġeriment kien tajjeb għax-xitwa pero' mhux fis-sajf u wieħed irid iqis ukoll, il-ħinijiet li l-*landfill* tkun miftuħa.

Il-Viċi-Sindku qal li, rigward *Annex 2 tat-tender* il-ġdid fl-opinjoni tiegħu, m'għandu jitnizzel xejn għaliex skont paġna Nru: 1 definizzjonijiet, tispeċifika x'tfisser *mixed household waste* u minn fejn irid jinġabar.

Iċ-*Chairman* qal, li teżisti problema dwar l-iskart tal-ħwienet għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li tiġi deċiża data minn meta jingħata l-kuntratt, u l-Kunsill għandu jara jekk il- *class 4 Shops* għandhomx jaħsbu huma għall-ġbir ta' l-iskart organiku tagħhom filwaqt, li l-Kunsill, jiġbor dak separat għalkemm ċertu ħwienet qed joħorġu l-kartun ma' l-iskart organiku.

Il-Viċi-Sindku qal, li l-iskart ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel mhux suppost li jinġabar ma' dak tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Ian Micallef ippropona, li tiġi kjarifikata d-data, niltaqgħu mas-sidien tal-ħwienet, jsir ftehim li l-Kunsill jiġbor bla ħlas iżda, jiġi multat dak li jarmi l-kartun ma' l-iskart organiku.

Kemm il-Viċi-Sindku kif ukoll, il-Kunsillier Anthony Abela li kellhom kopja tat-*tender* il-ġdid qalu li:

2.1. ma jaqblux li jitnizzel l-ammont

Artiklu 3 (b) mhux *kerbside* iżda *door step*

15 (c) ħlas tat-*tender guarantee* 10% ta' sena jiġifieri 10% mill-ammont totali diviż b'erbgħa snin.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sat-28 ta' Jannar 2010 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 15 ta' Jannar 2010, li t-talba għall-self mill Bank ma ġietx milqugħa.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel, li tinkiteb ittra lid-Dipartiment hawn fuq imsemmi, sabiex jingħataw ir-raġunijiet l-għala din it-talba ġiet miċħuda.

**3.4.** Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Vincent Muscat datata 14 ta' Jannar 2010, dwar talba ta' spejjeż għall-ħsarat li ġarrab fuq il-vettura tiegħu fi Triq Sliema.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel, li niktbu lis-Sur Muscat sabiex nirċievu x-xhieda tas-Sur Charles Borg kif ukoll, li l-każ irid ikun suffiċjentament pruvat.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi nominat is-Sotto-Kumitat għall-Anzjani, Saħħa u Kultura fi ħdan il-Kunsill Lokali Gżira għan-*Nazzareno Vassallo Award* imniedi mill-*CareMalta*.

**3.6.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1.** Il-Viċi-Sindku nforma li kien ġie diskuss waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li fix-Xatt, Gżira, ser titwaħħal *CCTV* b'tali mod li kienet ser tiffoka biss fuq il- *U-turns* u mhux fuq l-entitajiet kummerċjali.

## 11. Laqgħa Oħra

**11.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K002/119/10**

**28 January 2010 KLG5/**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| **1579** | **Alexandra Galea – Extra Hours Crafts Lessons 13/11 - 17/11 – 20/11 – 24/11 Invoice 01** | **86.54** | **6904** |
| **1580** | **Alexandra Galea Craft Lessons from 27/11/09 to 31/12/09** | **375.00** | **6905** |
| **1581** | **Squire Bookshop invoice 7168 n/papers December 2009** | **26.21** | |
| **1582** | **The Toolbox Invoice Nos: 9251/9261** | **76.59** | |
| **1583** | **Simler Confectionery invoice No: 1796 – attivita' 23.12.09 – ħaddiema** | **353.00** | **6907** |
| **1584** | **Alfred Baldacchino – Transport Serv. attivita' 31.10.09** | **154.40** | **6380** |
| **1585** | **S. Rausi Trading – Inv Nos: 21066600 11114489 – Drinking Water Office** | **25.48** | **6926** |
| **1586** | **UniKing – Invoice No: B1709 Supply & Fix Speed Moderator Triq Nazju Ellul** | **280.41** | |
| **1587** | **WasteServ Malta Ltd inv: 53688 Recycable Waste** | **3675.21** | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1588 | G4S Security Services (Malta) Ltd 4 Trips C.I.T. Dec 2009 | 30.44 | |
| 1589 | Environmental Landscapes Cons. Maint Soft Areas Dec. 2009 | 2212.92 | |
| 1590 | Best Wishes Stationery inv No:2-397717 | 80.21 | |
| 1591 | Alfa Co. Ltd – inv 58038 maint & rent agreement period from 13.10.09 – 12.11.09 | 114.78 | |
| 1592 | GO plc inv. 23078326 tel No: 341616 calls December 09 Rent Jan. 2010 | 20.65 | |
| 1593 | GO plc inv.23079052 tel No: 322157 Calls Dec 09 Rent Jan. 2010 | 222.94 | |
| 1594 | GO plc inv. 23078316 tel No: 334254 341034 Calls Dec 09 rent Jan 2010 | 63.74 | |
| 1595 | Makaw ironmongery invoicePI 2823 gypsum boards for Adm. Office | 180.77 | |
| 1596 | Zoo Media & Entertainment Ltd 100 chairs @ 1.98 inc.VAT Attivita' 31.10.09 | 198.00 | |
| 1597 | C.S.D. Office Trade inv.28999/29084 | 46.31 | |
| 1598 | Stardelta invoice No: 4941243 | 25.90 | |
| 1599 | WasteServ Malta Ltd Inv No: 52684 Recyclable waste | 3,670.97 | 6924 |
| 1600 | S.Rausi Trading Inv.11114396/21067516 11114611 less C/Note 18102726 | 217.79 | 6925 |
| 1601 | Joe Borg – Invoice No: 09 Duck Food for the month of January 2010 | 46.58 | |
| 1602 | Emanuel Mifsud – Inv. No: 12 Door to Door Collection – Jan. 2010 | 5590.50 | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1603** | **Emanuel Mifsud – Inv. No: 13 Hire of Skips January 2010** | **432.87** | |
| **1604** | **Emanuel Mifsud – Inv. No: 14 Public Convenience January 2010** | **836.06** | |
| **1605** | **Emanuel Mifsud – Inv. No: 15 Bulky Refuse – 163 Calls Dec 2009** | **892.27** | |
| **1606** | **Joe Bugeja & Associates r.f.p. 396 Serv. for August 2009** | **323.06** | |
| **1607** | **Joe Bugeja & Associates r.f.p. 397 Serv. for September 2009** | **508.64** | |
| **1608** | **Joe Bugeja & Associates r.f.p. 398 Serv. for October 2009** | **996.66** | |
| **1609** | **Joe Bugeja & Associates r.f.p. 399 Serv. for November 2009** | **350.55** | |
| **1610** | **Melita plc – invoice No: 27935173 Serv. 8/12/09 – 07/01/10 & Calls 09/11/09 – 05/12/09** | **152.35** | **6928** |
| **1611** | **Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali e-mail dtd 19/01/10 Program TVM 2010** | **200.00** | **6927** |
| **1612** | **WasteServ Malta Ltd Inv. No:54630 December 2009** | **3637.92** | |
| **1613** | **J.F. Mallia Ltd invoice No: 310 Job No: 101 & 103 Em. Giord & Cameron** | **63.00** | |
| **1614** | **Melita plc Invoice No: 27771538 – T.V. Serv. Charge 01/11/09 – 30/11/09 & Inv. 27856250 - 01/12/09 – 31/12/09 Activities Centre** | **15.52** | **6929** |
| **1615** | **Borg Hardware Store Inv No: 841 steel scissors** | **8.50** | |
| **1616** | **Steve R. Farrugia Inv. No: 132 Street Sweeping/grass cutting & Mech. Sweeper (90min) Dec. 2009** | **4665.72** | |

| | | |
|---|---|---|
| 1617 | Steve R. Farrugia Inv. No: 133 Sunday Street Sweeping Dec. 2009 | 378.52 |
| 1618 | Alfa Co. Ltd. Inv. No: 58712 copies & Rentals 13.11.09 to 12.12.09 | 104.91 |
| 1619 | Longbow Ltd Inv. No: 79161 – 2 boxes x 200 each Litter bags Strand | 75.52 |
| 1620 | Sundew Enterprises Ltd. Inv 014 W & E 01/05/09 – 09/10/09 Admin Office | 744.76 |
| 1621 | J.F. Mallia Ltd Inv. No: 318-3 Single Bollards C/Manche'/D'Argens | 60.00 |
| 1622 | Steve's Engineering re Invoice 2419 10% Balance of €11,682 A.C Lift | 1168.20 |
| 1623 | C.S.D. Office Trade Invoice 29164 stationery | 16.05 |
| 1624 | J & K Contractors Ltd patching Inv. Nos: 01/09 & 02/09(part 1) & pavements Inv. Nos: 01a/09 – Sept/Oct.2009 | 5,447.53 |
| 1625 | J & K Contractors Ltd – patching Invoice 02/09 (part 2) Oct. 2009 | 1605.50 |
| 1626 | Melita plc Invoice No: 28078842 01.01.10 – 28.02.10 | 23.30 |
| 1627 | Alexandra Galea Inv No: 03 Crafts Lessons January 2010 | 375.00 |

Ref No. K017/42/10

The Director
Department for Local Government
Chateau De La Ville
21 Archbishop Street
Valletta

Dear Sir

**Re: Audit for the year ending 31st March 2009.**

In reply to the management letter dated 20th December 2009, the Gżira Local Council would like to thank Messers J. Scerri & P. Degiorgio who conducted the Council's annual audit for the financial year end 31st March 2009. The Gżira Local Council is grateful for the assistance received from Mr. Scerri to overcome the vacuum left by the Council's pervious accountant, whose resignation left the Council with an unfinished financial year end.

The Gżira Local Council; as is standard practice all through its operation, has always given the necessary weight and dedication to the contents of the Management Letters aiming to overcome any shortfalls and better fine tune its set-up. The Council would like to comment as follows:-

**Point 2 – Management letter March 2008**

As per above, the Council always gives the necessary weight and attention to the management letters, hence the favourable remark. Unfortunately, the Council could not prepare accruals and prepayments in its accounts until the vacancy of the accountant was fulfilled.

**Point 3 – Local Enforcement System**

The Council has always adopted a prudence concept in all aspects of its financial set-ups, all the more, where the Local Enforcement System is in vigour. It has been proven many a time, that LES related revenue fluctuates hence, no provision has been made until the actual revenue is received.

**Point 4 – Bad Debts Provision**

The Gżira Local Council has taken care for such and a provision has been made.

**Point 5 – Savoy Gardens**

The Council is aiming to conclude the discussions by the end of the financial year aiming in accomplishing the best course of action.

**Point 6 and 7 – Accruals, Prepayments and Accounting Procedures**

As stated above, in absence of an accountant who resigned due to health reasons, the Council's staff was lacking accounting knowledge to conclude the financial statements, preparations for accruals and prepayments. The Council has taken the necessary action to appoint an accountant so that the Council regulates itself with the preparation of all the financial procedures within the stipulated time frames as regulated by the Local Councils Act.

On conclusion, the Council would like to thank Mr. J. Scerri for all his support in aiding the Gżira Local Council to conclude the financial year end 31st March 2009, whilst conducting the audit process in a smooth way, which kept the office in full operation of its duties.

Yours faithfully

Dr. Chris Bonett B.A. LL.D.
Mayor

c.c. National Audit Office
Degiorgio, Scerri & Co.

**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Rue D'Argens Gżira
Tel 21341034 Fax 21341616 e-mail gzira.lc@gov.mt

## Rapport Amministrattiv Annwali

### April 2009 sa Diċembru 2009

Werrej

1. Kummenti mis-Sindku

2. Rapport Amministrattiv

   a. *Daħla*

   b. *Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-Sena minn April sa Diċembru 2009*

   c. *Rapport ta' nfieq Finanzjarju*

   d. *Amministrazzjoni tal-Kunsill*

   e. *Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012*

   f. *Għeluq*

# Kummenti Tas-Sindku Dwar Ir-Rapport Amministrattiv Tas-Sena minn April 2009 sa Diċembru 2009

**Messaġġ tas-Sindku**
**Rapport Amministrattiv 2009-2010**

Is-sena li għadha kemm għaddiet kienet waħda eċċitanti ħafna għall-Kunsill Lokali tagħna. Fil-fatt, kienet is-sena illi fiha, u ngħid fl-aħħar, dan il-Kunsill irnexxielu jwettaq żewġ proġetti kbar illi kienu ilhom snin jiġu mwiegħda minn amministrazzjonijiet preċedenti, iżda minħabba diversi raġunijiet, fosthom nuqqas ta' qbil, qatt ma saru. Qiegħed nirreferi għall-ftuħ ta' l-ewwel Ċentru ta' l-Attivitajiet għall-Komunita' f'Malta u għall-*embellishment* tal-Gnien il-Kunsill ta' l-Ewropa.

Kienu żewġ proġetti li ħadu ammont konsiderevoli ta' ħin biex jiġu ppjanati u attwati pero' illum inħarsu lura kburin u ngħidu li konna aħna li rnexxielna nagħmlu dawn iż-żewġ proġetti realta' tal-ħajja Gżirjana.

Iċ-Ċentru ta' l-Attivitajiet, kienet ir-risposta tagħna għaċ-ċaħda għal *Day Care Centre* minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Illum, dan il-bini fi Triq San Albert qiegħed iservi biex fih jiġu organizzati l-korsijiet tal-Kunsill, l-attivitajiet interni tal-Kunsill u fuq kollox, qiegħed hemm biex membri tal-Komunita' tagħna, speċjalment l-Għaqdiet kemm sportivi kif ukoll, kulturali jkunu jistgħu jorganizzaw l-attivitajiet interni tagħhom ukoll.

Fuq kollox, dan il-bini ġie miftuħ fin-naħa ta' fuq ta' Triq San Albert, u dan biex inkomplu nsaħħu l-idea ta' dan il-Kunsill illi hemm il-bżonn li l-Gżira ma tibqax diviża fi tnejn minn Rue D'Argens, bin-neċessitajiet ikunu kollha fin-naħa t'isfel tal-Gżira. Dan iċ-Ċentru sar fin-naha ta' fuq, biex flimkien mal-Librerija Pubblika iħeġġeġ lill-Gżirjani tan-naha tal-Knisja u x-Xatt, imorru fin-naħa ta' fuq tal-lokal, u biex il-persuni li jgħixu fl-akkwati ta' fuq iħossuhom aktar parti integrali mill-Komunita' tagħna.

L-*embellishment* tal-Ġnien kien proġett ieħor kbir li sewa lil Kunsill Lokali aktar minn €175,000 u li fih rajna li l-Ġnien jingħata dehera ġdida, aktar sigura għat-tfal tagħna u aktar attraenti biex jirrispekkja aktar l-idea ta' post ta' rikreazzjoni modern. Il-Ġnien illum huwa xempju tal-ġonna Maltin fejn il-familji tagħna jistgħu jmorru jqattgħu siegħa flimkien għall-kwiet u l-ġmiel tan-natura u fl-istess ħin il-ġnien sar post miftuħ mill-isbaħ sabiex jiġu organizzati attivitajiet tal-massa għal-matul ix-xhur tas-sajf.

L-*embellishment* tal-Ġnien ikkomprenda ukoll, il-bini mill-ġdid tal-Latrina Pubblika, liema post, kien uġiegħ ta' ras għal dan il-Kunsill minħabba l-istat illi dan il-post kien fih u minħabba l-abbużi li kienu qegħdin jiġu mwettqa fih ta' kuljum. Illum, dan il-post huwa sigur, nieqes mill-abbuż u jieħu ħsieb il-bżonnijiet sanitarji ta' dawk in-naħat pubbliċi tal-lokal.

Fl-aħħar nagħlaq b'ħarsa 'l quddiem. Issa li tlesta x-xogħol kapitali l-kbir, dan il-Kunsill, għas-sena li ġejja, ser jiffoka aktar fuq il-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum tal-Gżirjani permezz tat-tqaxxir u l-kisi mill-ġdid ta' tliet toroq tal-lokal, li huma Triq Samuel Coleridge, Triq Nikola Cottoner u Triq l-

Immakulata Kunċizzjoni, kif ukoll, jibda l-ewwel fażi tal-proġett illi għandu jwassal biex il-bankini kollha tal-lokal jingħataw dehera ġdida. Madankollu, mhux ser jonqsu l-proġetti kapitali, bil-Kunsill Lokali li ser iwettaq il-proġett ta' tisbih ta' Pjazza Gerry Zammit.

Dan kellu jkun rapport amministrattiv tagħna bħala Kunsill Lokali, madanakollu permezz tar-riforma tal-Kunsilli Lokali ġie estiż it-terminu ta' dan il-Kunsill għal sentejn oħra. Fil-fatt, il-mandat tagħna issa jagħlaq fl-2012. Dan ifisser, aktar xogħol u aktar proġetti x'jitwettqu għall-ġid tal-Gżirjani kollha. Il-Kunsilliera ta' dan il-Kunsill Lokali laqgħu din l-estenzjoni bħala sfida u f'isem sħabi inwiegħdu li ser nagħmlu l-almu tagħna biex inkomplu nsebbħu u nissudaw l-i*status* tal-lokal tagħna għall-benefiċċju tar-residenti Gżirjani kollha.

B'dan il-messaġġ, nixtieq insellem lil ħabib kbir tiegħi li minn din is-sena mhux ser ikun magħna f'din l-avventura tagħna, u qed nirreferi għal ex-Viċi-Sindku s-sur Dunstan Attard illi minħabba raġunijiet personali kellu jirriżenja mill-kariga tiegħu u minn Kunsillier. Minn hawnhekk, nixtieq nirringrazzja lil Dunstan tas-servizz impekkabbli li ta lill-Komunita' tagħna u nawguralu kull suċċess fil-futur tiegħu. Minn hawn nixtieq nilqa' lill-Kunsillier ġdid is-sur Anthony Grech (It-Tuse') u nifraħ lill-Viċi Sindku l-ġdid tal-Gżira s-sur Joseph Camilleri u nawguralhom aktar ħidma fejjieda b'risq il-poplu Gżirjan kollu.

Bħal kull sena, nixtieq nirringrazzja lil sħabi l-Kunsilliera kollha tax-xogħol siewi li għamlu fil-lokalita' fl-aħħar sena u lill-i*staff* kollu tal-Kunsill Lokali Gżira li biex xogħol tiegħu qed jgħin lil din l-amministrazzjoni tilħaq il-miri tagħha. Miri, li qegħdin jissarfu f'xogħol u f'konklużjoni ta' proġetti li qegħdin hemm f'wiċċ kulhadd, biex il-Gżira tkun aktar sabiħa u b'saħħitha minn qatt qabel.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D.
Sindku

## 2. REF NRU ADMRP 16/2010 *RAPPORT AMMINISTRATTIV GĦAS-SENA minn April sa Diċembru 2009*

### a. DAĦLA

Is-sena 2009, kienet is-sena li matula l-Gvern Ċentrali beda' l-implimentazzjoni tal-miżuri mħabbra fir-riforma fejn fost l-aspetti msemmija kien hemm, li s-sena finanzjarja ser tiġi bbażata fuq sena kalendarja jiġifieri, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, minflok kif kienet stabbilita' sa mill-bidu tal-Kunsilli Lokali, jiġifieri, mill-1 April sal-31 ta' Marżu. Għalhekk, din is-sena finanzjarja ser tkun bbażata fuq disa' xhur ta' ħidma minflok tnax fattur, li ser ikun rifless fir-rapport ta' nfieq, elenkat aktar 'l quddiem fir-rapport.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, l-ammont ta' €409,174 (Lm175,658.40) bħala allokazzjoni, liema ammont, jinkludi wkoll is-somma ta' €3,494 (Lm1,500.00) għall-sit tal-*bring-in-site*. Apparti l-allokazzjoni diretta mill-Gvern Ċentrali, l-Kunsill Lokali kellu wkoll għad-dispożizzjoni tiegħu, flus mill-fond tal-*Urban Improvement Fund* fi ħdan il-M.E.P.A., sabiex ikunu jistgħu jitwettqu proġetti ta' tisbieħ fil-lokalita' skont il-kuntratti ffirmati.

Fil-fatt, matul din is-sena finanzjarja ġie konkluż l-proġett ta' tisbieħ tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira, sabiex b'hekk nistgħu ngħidu, li ġie konkluż it-tielet u l-akbar proġett marbut ma' dan il-fond, wara li fis-sena preċedenti sar tranġar u tisbieħ kemm tas-*Central Strip* tax-Xatt kif ukoll, l-entraturi tal-*Housing Estate*.

Wara snin twal ta' talbiet mressqa minn dan il-Kunsill, bbażati kemm fuq l-ilmenti li dan il-Kunsill rċieva mir-residenti u anke *site-inspections* li jsiru regolarment minn rappreżentanti tagħna, ġiet tranġata u modernizzata l-Latrina Pubblika, dan il-proġett twettaq mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Gvern Ċentrali fejn filwaqt li l-Kunsill pprovda l-materjal, il-Gvern ħa ħsieb il-ħaddiema. Dan ir-rikjeda li għar-raġunijiet ovvji, għall-perjodu ta' żmien, dan il-post pubbliku kellu jinżamm magħluq, fattur li għalkemm hu ovvju minnu nnfisu madanakollu, ma kienx kunsidrat l-istess għas-settur Governattiv responsabbli mill-ispezzjonijiet fil-lokalitajiet li minflok ma eskluda dan is-servizz mill-marki sabiex ikun jista' joħroġ l-medja ta' punti, ġie nkluż, b'konsegwenza tal-fatt, li fir-rappurtaġġ li ħareġ fil-medja f'Ottubru 2009, ikklasifika dan il-Kunsill bħala wieħed taħt il-medja. Ċertament, dan il-fattur urta lill-Kunsill għaliex ma ħassx li din il-klassifikazzjoni kienet ġusta, aktar u aktar meta fiż-żmien xahar, l-istess settur reġa' għamel spezzjonijiet oħra u r-riżultati kienu kważi l-massimu li jistgħu jingħataw.

Intant, l-Kunsill Lokali għaddej b'ħidma sabiex filwaqt li jiġu eżawriti l-proċeduri kollha neċessarja, jkunu jistgħu jiġu ffirmati l-kuntratti pendenti mal-U.I.F. sabiex isir ix-xogħol fuq it-tranġar u t-tisbieħ ta' Pjazza Gerry Zammit u l-kumplament tal-fażijiet ta' xogħlijiet ta' pavimentar ġdid f'diversi toroq fil-lokalita'.

B'hekk, permezz ta' fondi mill-U.I.F., u għajnuna oħra finanzjarja minn fondi oħra mnedija mill-Gvern, qed jingħata lok lill-Kunsilli Lokali, sabiex filwaqt li jkunu jistgħu jitwettqu proġetti li mhux possibbli li jsiru mill-allokazzjoni annwali, bl-ebda mod ma jkun hemm il-ħtieġa li jew jitnaqqsu s-servizzi eżistenti jew jirriżolvi għal servizzi ta' kwalita' nferjuri biex isiru proġetti simili.

**b. <u>Ħarsa u Rapport ta' Ħidma tul is-sena April sa Diċembru 2009</u>**

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kunsill kompla fuq il-pjan mibdi fis-sena amministrattiva preċedenti kif ukoll, ta' spinta f'ċertu oqsma u anke kien innovattiv bl-implimentazzjonijiet li wettaq.

B'kontinwazzjoni għal dak imħabbar sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, dan il-Kunsill Lokali kompla jespandi l-kalendarju t'attivitajiet kulturali tiegħu. Dan kien possibbli, billi filwaqt li nżammu l-appuntamenti t'attivitajiet li saru fis-sena amministrattiva preċedenti, ġew introdotti nizjattivi ġodda sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet bil-parteċipazzjoni tar-residenti. Fil-fatt, ma naqsux l-attivitajiet marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Gżira, li bdew it-Tnejn 11 ta' Mejju bi żjara lill-Anżjani Gżirjani f'San Vinċenż de Paule u l-għada 12 ta' Mejju saret żjara lill-Anzjani fid-dar ta' l-Anżjani tal-Gżira fejn apparti li ngħata rigal lil kull resident, l-Kunsill provda mużiċisti sabiex ħoloq atmosfera alleġruża, attivita,' li skont l-amministraturi ta' din id-Dar, tkun mistennija ħafna mill-anzjani. L-istess jista' jingħad għaż-żjajjar li jsiru lill-anzjani residenti f'din il-lokalita' fejn rappreżentanti ta' dan il-Kunsill jmorru jżurhom fi djarhom. Ma naqsitx l-attivita' annwali marbuta ma' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, fil-librerija li saret fit-13 ta' Mejju u dawn l-attivitajiet ġew konklużi nhar Jum il-Gżira stess, jiġifieri fil-15 ta' Mejju b'Quddiesa ta' ringrazzjament u l-inawgurazzjoni uffiċjali taċ-Ċentru t'Attivitajiet fil-parti ta' fuq ta' Triq San Albert. Bla dubju, dan iċ-Ċentru hu katina mportanti sabiex jissaħħaħ l-qasam edukattiv u kulturali, li permezz tiegħu l-Kunsill jista' jespandi dan is-settur mhux biss permezz tal-korsijiet u attivitajiet li jorganizza l-Kunsill, iżda qed iservi wkoll bħala post ieħor għall-Għaqdiet Lokali fejn ikunu jistgħu jorganizzaw xi attivitajiet jew laqgħat.

Kemm l-attivitajiet sajfin fix-Xatt kif ukoll, it-tiżjin tad-dawl tal-Milied reġgħu saru, biż-żieda li apparti ix-Xatt u Pjazza Meme' Scicluna ġie mżejjen ukoll Misraħ Turu Colombo. L-għan tal-Kunsill hu li din l-inizjattiva tkompli tikber sabiex f'dawn il-ġranet ta' festi, diversi partijiet tal-lokalita' jingħataw aktar ħajja.

Il-kulminu ta' l-attivitajiet tal-festi tal-Milied intlaħaq nhar il-Milied stess, meta l-Kunsill Lokali, permezz ta' l-eks Viċi-Sindku s-Sur Dunstan Attard organizza ikla nhar il-Milied fiċ-Ċentru t'Attivitajiet għar-residenti li f'din il-ġurnata li tradizzjonalment l-familji jiltaqgħu u jiċċelebrawha flimkien, dawn ikunu weħidhom. Bla dubju, din l-attivita' tisboq lil dawk

kollha li saru għaliex fil-veru u propju sens tal-kelma qed twassal messaġġ ta' x'wieħed jifhem meta jgħid li l-Kunsilli Lokali qiegħed għas-servizz tal-Komunita'. F'dan l-istadju ppermettuli f'isem il-Kunsill Lokali u l-amministrazzjoni tiegħu nirringrazzja lis-Sur Attard ta' l-impenn bla waqfien li offra volontarjament lil dan il-Kunsill u lill-Komunita' li jirrapreżenta u l-attivitajiet li ntroduċċa li bla dubju, l-Kunsill ser jimpenja ruħu sabiex ikomplihom bl-għajnuna tal-membri preżenti u anke tiegħu stess, li wera d-disponnibbilta' li jkompli jgħin lil dan il-Kunsill.

Jekk kien hemm impenn fil-qasam soċjali u kulturali l-istess jista' jingħad għal dak edukattiv, fejn bi tkomplija mis-sena preċedenti, l-Kunsill estenda l-attivitajiet edukattivi tiegħu għal matul din is-sena bid-differenza, li dawn qed jiġu organizzati fiċ-Ċentru ta' Attivitajiet. Il-Kunsill kompla bil-parteċipazzjoni tiegħu fil-kampanja l-'Ktieb Teżor' mad-ditta *Merlin Libraries*, kampanja, li kif l-Kunsill Lokali dejjem spjega, hi mmirata għall-ġenituri u t-tfal li jkunu ser jibdew l-ewwel sena skolastika tagħhom. Għalhekk, bħal ma sar fil-passat inxtara pakkett ta' kotba li ġew regalati lil kull tifel u tifla li bdew l-ewwel sena tal-*kindergarden* f'Ottubru 2009, mis-Sindku. Anke fir-rispett tal-korsijiet tal-*crafts*, il-Kunsill kompla għaddej fuq il-kunċett li ġie ntroddot is-sena li għaddiet ta' *crafts clubbing*, bit-tagħlim jingħata mill-ko-ordinattriċi Alexandra Galea. Madanakollu, anke dan l-aspett ġie msaħħaħ għaliex taħt is-superviżjoni tas-Sna Galea, r-residenti li jattendu dawn il-korsijiet bla ħlas, bil-ħilijiet li tgħallmu preparaw riġali għar-residenti l-oħra li attendew għall-ikla tal-Milied. Dan juri biċ-ċar li permezz ta' l-operat tiegħu, l-Kunsill Lokali jrid isaħħaħ l-kunċett ta' Komunita', li l-għan tagħha hu li r-residenti mhux biss jirċievu iżda jagħtu minn dak li jkunu ħadu għall-ġid ta' l-istess Komunita' li tagħha huma parti. Intant, b'eżitu ta' l-*expression of interest* li ġiet ppubblikata, l-Kunsill irdoppja s-siegħat ta' tagħlim tal-*crafts*, bl-għan li jinħoloq *kids crafts club* sabiex dawn is-snajja jibqgħu jissaħħu f'uliedna, li kif dejjem ssir referenza għalihom, huma l-futur tagħna.

Abazi tad-diskussjonijiet mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, nbdew korsijiet ta' tagħlim bażiku fil-lingwi tat-Malti, Taljan u Ingliż. Filwaqt li l-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon dan it-taħriġ u dan anke b'eżitu tad-dedikazzjoni murija mill-għalliema s-Sur Charles Mangion tal-Malti u s-Sna Magdalen Scerri ta' l-Ingliż u Taljan madanakollu, jiddispjaċih jgħid, li ma ġewx provduti anke jekk hekk mwedgħa, għalliema għall-tagħlim bażiku fil-Franċiż u l-Ispanjol. Madanakollu, dan ma jżommx lill-Kunsill milli mill-ġdid jerġgħa' jressaq it-talbiet tiegħu u dan anke in konformita' mal-kunċett li tant qed isir pressjoni fuqu mill-Gvern Ċentrali ta' *Life Long Learning*.

Wara t-talba li saret minn diversi residenti permezz tad-ditta *Malta Insitute of Computer Science*, l-Kunsill reġa' offra bla ħlas tagħlim bażiku fl-informatika' lir-residenti ta' kull eta' u ssussidja korsijiet aktar

avvanzati f'*Windows*, *Word, Excel* u *Internet*. Intant, ċ-Ċentru ta' Attivitajiet qed iservi wkoll, bħala *Internet Centre*.

Ma naqsitx il-ħidma fil-librerija, li anke permezz t'għotja ta' €466.00 mill-Gvern Ċentrali waqt attivita' sajfija f'Bormla ntitolata l-'Ktieb Pass 'l-Bogħod Minnek', setgħu jinxtraw aktar kotba mhux biss għat-tfal iżda anke għar-residenti kbar li tant iħobbu jaqraw ir-rumanzi Maltin. Sfortunatament, qabel ma dawn il-kotba jitpoġġew fuq l-ixkaffef tal-librerija, jkunu jridu jgħaddu mill-iproċessar tal-katalizzar, proċess li hu xi ftit tawwali u għalhekk, joħloq dewmien minn meta jinxtraw il-kotba sakemm jaslu fil-librerija għall-użu pubbliku. Mingħajr dubju, s-suċċess tal-librerija ma jiddependix biss mill-għażla ta' kotba iżda anke mill-librara s-Sna Nathalie Camilleri, li bħal dejjem id-disponibbilta' u l-flessibilita' tagħha qed ikunu strutmentali sabiex jkomplu jiżdiedu l-abbonati u tissaħħaħ l-importanza tal-qari. Intant, b'eżitu tal-permess mogħti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hu ukoll b'eżitu tar-riforma li saret mill-istess Gvern Ċentrali, s-Sna Camilleri ġiet ngaġġata bħala ħaddiema *part time* tal-Kunsill u għalhekk, ser ikun possibbli sabiex l-ħinijiet eżistenti tal-ftuħ tal-librerija, jiġifieri Tnejn, l-Erbgħa u s-Sibt mid-09.00 a.m. sa 12.00 p.m., jkunu jistgħu jitwalu skont l-esiġenzi li jinqalgħu.

Ma setgħax jonqos l-impenn infrastrutturali, li kien ikkonċentrat ħafna fuq il-proġett ta' tranġar u tisbieħ tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa, Gżira. Fil-fatt, kif imħabbar fir-rapport preċendenti, l-Kunsill kien nforma li dan il-proġett li kien ko-finanzjat mill-U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A. nbeda' wara li d-ditta Polidano Bros rebħet is-sejħa għall-offerti u ngħatat l-kuntratt permezz ta' l-ittra t'aċċettazzjoni datata 5 ta' Marżu 2009. Apparti pavimentar u servizzi ġodda bħal bandli, bankijiet, *C.C.T.V. cameras*, *energy saving lamps* u reċipjenti ta' l-iskart ġodda, ġie ntroddot servizz innovattiv mhux biss għall-Gżira iżda anke għal Malta. Dan kien permezz ta' l-installazzjoni ta' *ourdoor physical equipment* għall-adulti, sabiex filwaqt li dawn ikunu qed jakkumpanjaw lil uliedhom waqt il-ħin rekreattiv tagħhom, jkunu jistgħu jagħmlu taħriġ fiżiku huma ukoll. Huwa ppjanat, li dan l-appart simili jiżdied kif ukoll, li jsir aktar xogħol f'dan il-post sabiex jkun jista' joffri rekreazzjoni għal kulħadd nkluż żgħażagħ t'etajiet differenti. Dan il-proġett flimkien mat-tranġar tal-latrina pubblika, ta' dehra aktar kompluta lil din iż-żona rekreattiva fil-lokalita'.

Bħalma jsir ta' kull sena b'tħejjija għax-xhur xitwin, il-Kunsill Lokali naddaf il-bokok u l-meded kollha tal-*culverts* ta' Triq ix-Xatt minn Triq Imsida sa Triq San Ġorġ, Triq Emanuele Giordano, Triq Luqa Briffa u Triq Sliema. Intant, in vista tar-riżultati ottenuti permezz ta' l-analiżi li kienu saru s-sena li għaddiet, l-Kunsill a spejjeż tiegħu għamel bokka u medda ġdida minn Triq Sir Patrick Stuart sas-*Central strip* tax-Xatt. Bla dubju, dan ix-xogħol kien importanti sabiex jittnaqqsu l-problemi li din it-triq tkun ffaċjata bihom fix-xita. Ovvjament, jonqos ħafna x'għad irid isir u hu għalhekk li l-Kunsill qed jitlob sabiex jsiru laqgħat mal-

Periti ta' A.T.M. responsabbli mid-distrett li minnu tifforma parti din il-lokalita', minħabba l-fatt, li xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' *storm water culverts* jiffurmaw parti mir-responsabbilita' tal-governanza ċentrali.

B'sodifazzjon l-Kunsill Lokali jsemmi l-proġett li nbeda mill-*iStorm Management Unit* fi ħdan l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, dak li jsir *storm water culvert* fi Triq Sliema, indipendenti minn dak eżistenti bir-rotta tiegħu tkun, li jaqsam Triq Luqa Briffa għal Triq Turu Rizzo sa Wied Għollieqa. Ċertament, dan kien proġett li din il-lokalita' ilha tistenna sabiex b'hekk tibda tiġi ndirizzata l-problema ta' l-għargħar. S'issa għadha tlestiet l-ewwel fażi u l-Kunsill jittama li x-xogħol fuq il-fażijiet l-oħra ma jdumux ma jitkomplew u dan anke minħabba l-fatt, li l-Kunsill ġie nfurmat li wara li jitlesta dan ix-xogħol għandu jingħata wiċċ aħjar ta' ħafna mill-partijiet ta' Triq Sliema kif ukoll, isir *resurfacing* ta' Triq Turu Rizzo kif kien mħabbar fil-programm ta' ħidma fuq toroq residenzjali mill-Gvern Ċentrali.

A bazi tal-kuntratti perjodiċi, tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ fis-*soft areas* u fix-Xatt, saru xogħlijiet ta' *road markings* u tranġar u nstallazzjoni ta' tabelli ġodda tat-toroq mill-Ko-operattiva Tabelli u Sinjali kif ukoll, l-kuntrattur George Spiteri għan-nom tad-ditta *J & K Contractors* rebaħ il-kuntratt ta' xogħlijiet ta' *Patching and Pavement Re:Instatement Works* sabiex b'hekk ikunu jistgħu jitkomplew dawk ix-xogħlijiet pendenti. Il-Kunsill jikkumenta, li sfortunatement xogħlijiet ta' *patching* u tranġar ta' bankini kellu jieqaf għall-perjodu ta' żmien minħabba l-fatt, li l-kuntrattur li kien responsabbli minnu m'onorax il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u għalhekk ma kienx hemm alternattiva oħra ħlief li jiġi terminat b'konsegwenza tal-fatt, li dan wassal għall-dewmien mhux mixtieq.

Dawn is-servizzi qed jiġu offruti, appart is-servizz li dan il-Kunsill Lokali joffri permezz tal-ħaddiema ta' l-I.P.S.L. assenjati mal-Kunsill u ħaddiem assenjat mill-Gvern Ċentrali li huma mpenjati fuq xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' partikularment xogħol ta' ħadid, żebgħa ta' bankijiet, installazzjoni ta' reċipjenti għall-iskart partikularment f'postijiet rekreattivi, *patching* temporanju, tiswijiet żgħar ta' bankini u tranġar ta' tabelli tat-traffiku. Anke in vista ta' dan it-tip ta' servizzi, l-Kunsill Lokali laqa' t-talba u ppparteċipa fl-iskema mnedija mill-Gvern Ċentrali ta' Skema fil-Komunita' mill-E.T.C. u b'hekk għall-perjodu ta' sitt xhur, ġie assenjat ħaddiem ieħor ma' dan il-Kunsill. Din l-għajnuna, anke jekk fuq bażi temporanja hi ferm utli għall-Kunsill u dan wara li wieħed mill-ħaddiema ta' I.P.S.L. ma baqax aktar assenjat f'din il-lokalita'.

La darba qed jiġi mogħti rendikont infrastrutturali, tajjeb li ssir referenza għall-aspett ieħor mill-implimentazzjoni tar-riforma dik tal-*Public Private Partnership,* fejn b'eżitu ta' diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali ser jiġi miftiehem liema toroq ser isiru b'din is-sistema u ssusegwentament għall-għoti ta' sejħiet għall-offerti, l-kuntratturi jkunu

responsabbli li jagħmlu xogħlijiet ta' toroq u manutenzjoni tagħhom li ħlas tagħhom ikun fuq perjodu ta' numru ta' snin u l-ħlasijiet jinqasmu bejn il-Gvern Ċentrali u l-Kunsilli Lokali. Il-fond imħabbar, hu ta' miljun ewro fis-sena. Dan il-Kunsill Lokali laqa' din it-talba u ssottometta l-informazzjoni mitluba minnu.

Minn April 2009 sa Diċembru 2009, il-Kunsill iffinalizza diskussjonijiet dwar għoti ta' kuntratti mibdija fis-sena amministrattiva preċedenti. Fil-fatt, il-kuntratt għall-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste & Hiring of Skips* u *Contract Management* ġew estiżi għall-sena oħra lill-kuntratturi Emanuel Mifsud u Alfred Portelli rispettivament u dan in vista tar-riforma li qed isir mill-Gvern Ċentrali fil-qasam ta' l-Ambjent. Fil-fatt, il-Kunsilli kollha kienu mitluba jġeddu l-kuntratti eżistenti sakemm ġew iffinalizzati d-dokumenti l-ġodda u dan sabiex il-kuntratti kollha jkunu konformi ma' l-obbligi l-ġodda. Fil-fatt matul din sena finanzjarja u cioe' dik li bdiet minn dan ix-xahar, jiġifieri Jannar 2010, il-Kunsilli Lokali qedgħin fil-fażi li jew ippubblikaw jew ser joħorġu sejħa għall-offerti fir-rispett ta' dawn is-servizzi, kif qed jagħmel dan il-Kunsill Lokali. Intant, matul din is-sena finanzjarja, ġew estiżi ukoll, il-kuntratti tal-poloz t'assikurazzjoni u marki taż-żebgħa u sinjali tat-traffiku lid-ditti *AON Insurance Brokers* u lill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali rispettivament.

Intant, ġiet ppubblikata Sejħa għall-Offerti għall-

i. *Patching and Kerb Re: Instatement Works ppubblikata fit-3 ta' Lulju 2009*

Din is-sejħa għall-offerti ġiet aġġudikata u mogħtija lid-ditta *J & K Contractors LTD*

Ġew ppublikati ukoll, żewġ sejħiet għall-*Expression of Interest* li kienu

i. *Accountancy Services* ppubilkata fl-20 ta' Frar 2009
ii. *Service of a Crafts and Activities Co-Ordinator* ppubblikata fis-6 ta' Ottubru 2009

Anke fir-rispett ta' dawn l-*expression of interest*, nħatar bord ta' rakkomandazzjoni sabiex saru l-*interviews* neċessarji,u sussegwentament l-vakanzi ġew mimlija mis-Sinjuri Antoine Portelli u Alexandra Galea rispettivament. B'hekk sa mill-bidu ta' din il-leġislatura, nħarġu tlett *expression of interest* u dan wara li fis-sena finanzjarja preċedenti kienet nħarġet talba oħra għall-post ta' librara.

Il-Kunsill attenda laqgħat ta’

- l-Infurzar Lokali li ġew msejħa mill-Kumitat Konġunt *Group* H.
- *seminars informattivi* msejħa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
- mal-Pulizija tad-Distrett Sliema
- *Vice Squad*
- *Criminal Investigation Department*
- *Drug Squad*
- *Traffic Section*
- Rappreżentanti tal-Ministeru għall-Ambjent u Żvilupp Rurali
- Direttorati fi ħdan l-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta
- Ditti li joffru servizzi ta’ skart separat skont l-iskemi l-ġodda maħruġa mill-Gvern Ċentrali
- Rappreżentanti tal-Wasteserv
- Rappreżentanti ta’ l-E.T.C. responsabbli mill-Iskemi ta’ Ħidma fil-Komunita’
- Diversi kumpaniji kummerċjali privati
- Diversi għaqdiet lokali u NGOs

Minn din is-sena finanzjarja, uħud mill-impjegati tal-Kunsill Lokali attendew ukoll taħriġ dwar *front office skills* organizzat mill-*Staff Development Unit* fi ħdan is-Segretarjat responsabbli mill-Gvern Lokali.

## c. <u>Rapport ta' Nfieq Finanzjarju.</u>

Il-Kunsill żamm l-'i*standard*' tas-servizzi u anke f'ċertu każijiet tejjibhom. Il-koperazzjoni tal-Gvern Ċentrali għenet fin-nefqa kapitali tal-proġetti nfrastrutturali.

Minn din is-sena finanzjara, l-Gvern Ċentrali trammite tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ struzzjonijiet ġodda dwar l-infiq tal-Kunsill

Lokali tant li ċertu setturi mill-allokazzjoni diretta ġew *capped* ċertu fiġuri.

Fil-fatt, dan sar fir-rispett ta' manutenzjoni u ndafa ta' toroq fejn l-ammonti ta' €40,447 u €189,490 rispettivament kif indikati mill-istess Dipartiment, riedu bilfors jintużgħaw fuq dawn is-setturi altrementi l-Kunsill Lokali jkun suġġett għall-penali sakemm ma jingħatax awtoriżazzjoni minn dan id-Dipartiment.

In-nefqa mill-Kunsill Lokali kienet tinkludi fost l-oħrajn

(i) Tindif – circa €127,135.74
(ii) Sinjali w Marki tat-toroq inkluż *parking bays* circa €14,954.45
(iii) Manutenzjoni ta' toroq, bankini u *rubber speed moderators* circa €32,098.31 + *culverts*
(iv) Servizzi Professjonali circa €28,175.91
(v) Ġonna circa €20,187.61
(vi) Dawl circa €2,634.10

## d. Amministrazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill iħares lejn il-ħidma tiegħu għas-sena April sa Diċembru 2009 bħala waħda sodisfaċenti.

Attendenza għall-laqgħat bejn l-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009.

| | Laqgħat | Preżenti | Skuati | Assenti | Persentaġġ |
|---|---|---|---|---|---|
| Chris Bonett | 10 | 10 | 0 | 0 | 100% |
| Dunstan Attard | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Anthony Abela | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Joseph Camilleri | 10 | 9 | 1 | 0 | 90% |
| Malcom Camilleri | 10 | 4 | 6 | 0 | 40% |
| Ian Micallef | 10 | 3 | 7 | 0 | 30% |
| Victor P Rutter | 10 | 7 | 3 | 0 | 70% |

B'eżitu tal-vakanza li nħolqot fil-Kunsill, fit-28 ta' Diċembru 2009, minħabba r-riżenja tal-Viċi-Sindku Dunstan Attard, saret elezzjoni każwali u ġie elett is-Sur Anthony Grech bħala Kunsillier għal din il-lokalita'. Is-Sur Grech mhux wiċċ ġdid għal dan il-kunsill tant, li fil-leġislatura preċedenti serva bħala Kunsillier. Dan ifisser ukoll, li l-Kunsill ried jaħtar Viċi-Sindku ġdid u għalhekk skont il-proċeduri, t-tieni persuna li ġab l-aktar għadd ta' voti mill-Partit Maġġoritarju ta' dan il-Kunsill hu l-persuna li ser ikun qed jassumi din il-kariga. B'hekk, il-Kunsillier Joe Camilleri nħatar Viċi-Sindku sas-sena 2012.

Anke f'dan l-istadju l-Kunsill Lokali, b'eżitu tar-riforma fil-Gvern Lokali ra tibdil, fejn din l-amministrazzjoni minflok sa Marżu 2010 ser tibqa' fil-kariga sa Marżu 2012. Għal din il-leġislatura biss, it-terminu ser

ikun ta' ħames snin għaliex mill-elezzjoni 'l quddiem, it-terminu ta' kull leġislatura mhux ser jkun aktar ta' tliet snin iżda t'erbgħa.

Matul din is-sena finanzjarja, l-Kumitat ta' l-Anzjani organizza ħarġa soċjali kull xahar għall-Anzjani, ntroduċa attivita' kull ħmistax billi organizza *private* għall-Armier, *Christmas* u *Carnival Party* kif ukoll, ikla tal-Milied f'nhar il-Milied.

Matul l-2009, is-servizzi tal-*Contract Managers* komplew jissaħħu f'kull livell biex jassiguraw li l-flus jintefqu bl-aħjar mod għax barra li x-xogħlijiet kollha saru taħt id-direzzjoni ta' nies speċjalizzati, sar anke l-*cost analysis* meħtieġ u ġew ukoll iċ-ċertifikati minnhom dwar il-kwalita' u *value for money*.

## e. Pjan ta' Ħidma sa Marzu 2012

Kif wieħed setgħa jinnota matul din is-sena ta' ħidma, l-Kunsill kompla għaddej b'impenn kemm fuq dak li kien nbeda jew ġie ppjanat fis-sena preċedenti kif ukoll, f'ċertu oqsma kabbar il-proġetti u kompla b'ħidmiet oħra ta' manutenzjoni fil-lokalita'.

Din is-sena serviet, biex il-Kunsill kompla saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u għalhekk, kompla bil-pjan tiegħu skont ir-responsabbilitajiet mogħtija fil-bidu tal-leġislatura sabiex il-programm intensiv ta' twettiq ta' xogħol setgħa jkompli jiġi eżawrit kif ukoll, fejn kien neċessarju ġew introdotti kunċetti ġodda biex kien possibbli li jittejjeb is-servizz mogħti lill-Komunita' tagħna. Bla dubju, l-ħidma mwettqa matul din is-sena kompliet turi l-impenn serju ta' dan il-Kunsill, mhux biss lejn ir-residenti iżda ukoll, lejn il-Komunita' kummeċjali u kull min jagħmel użu mill-lokalita' tagħna.

Kif spjegat aktar 'l fuq, iż-żieda fit-terminu ta' din il-leġislatura hi riflessa fl-estenzjoni ta' pjan ta' ħidma, tant li ġiet estiża dak li kien pjanjat sa 2010 jiġifieri apparti l-pjan li jiġu *resurfaced* t-Toroq Immakulata Kunċizzjoni, Nicola Cottoner u Samuel Taylor Coleridge, ġew *emarked* li possibiliment jsiru wkoll, Toroq Freres, Vjal de La Salle, Hilderbrand Oakes, Willie Arena, Matteo Pulis, Wied il-Kappara, Ġnien, Kubrit u Cuschieri sa l-aħħar ta' 2012. Dan apparti l-fatt, li kif diġa' aċċennat fl-istess żmien hu ppjanat li ssir Pjazza Gerry Zammit u bankini f'diversi toroq fil-lokalita'.

## f. Għeluq

Il-Kunsill huwa sodisfatt bil-ħidma li għamel matul is-sena finanzjarja April 2009 sa Diċembru 2009 li għalqet bi bilanċ favorevoli.

Kemm fit-titjib li hemm propost fil-politika ġenerali dwar il-Kunsill kif ukoll, fit-tħejjija tad-devoluzzjoni ta' aktar poteri mill-Gvern Ċentrali għall-Kunsill, għandhom iqawwuh biex jaħdem b'aktar impenn.

Fl-aħħarnett, nawguraw li bil-ħidma flimkien mar-residenti, Għaqdiet u l-Komunita' Kummerċjali, l-lokalita' tal-Gżira jkollha Kunsill li jkun laħaq is-suċċess mistenni minnhom.

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv